MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' April, 2003

Appell Civili - Ghawdex Numru. 46/1998/1

**Avviz numru 46/98**

**Raphael Refalo**

**vs**

**Maltacom plc**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta' Marzu, 2002 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Fl-avviz prezentat fis-16 ta' April 1998, l-attur talab prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni illi l-pretensjoni tas-socjeta' konvenuta illi huwa ghandu jghati is-somma ta' Lm570.95 ghall-uzu ta' telefon fil-fond "Gallery of Fine Arts" Pjazza

John F. Kennedy, Victoria, hija infondata ghaliex fil-fatt huwa m'ghamilx uzu minn dan it-telefon kif pretiz mis-socjeta konvenuta, jigi wkoll dikjarat illi huwa, l-attur, m'ghandu jhallas xejn; bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni nru.34/98 fl-ismijiet premessi.

Is-socjeta konvenuta rrispondiet illi l-ammont pretiz kif imsemmi fl-avviz huwa tabilhaqq dovut kif pretiz mis-socjeta konvenuta; bl-ispejjes.

Ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-process;

Ikkonsidrat.

L-attur qieghed jikkontesta kont ta' servizz ta' telefon provdut mis-socjeta' konvenuta fil-fond "Gallery of Fine Arts" gewwa Victoria, Ghawdex. Difatti hekk xehed l-attur folio 11: li zmien minnhom kien ircieva kont ta' Lm570.95 fuq dan is-servizz tat-telefon illi kellu nstallat fil-fond liema kont ma dehrlux li kellu ihallsu stante li allega li l-apparat kellu xi hsara konsistenti f'crossed lines b'hekk li kienet qed tintuza il-linja tieghu minn terzi.

Illi din l-allegazzjoni minn imkien mill-atti ma tirrizulta, lanqas remotament. Il-provi kuntrarjament juru li l-ammont kien jirrapresenta hlas dovut ghat-telefonati li fi stragrande maggoranza taghhom saru konsistentement ghall-esteru u telefon cellulari kif jirrisulta ben car mill-prospett 'JDB' esebit mis-socjeta' konvenuta (folio 17 et seq).

Dak li jirrizulta oltre hu li l-attur hallas fil-mori tal-kawza somma ta' Lm172.06 li mill-fattura relattiva jirrizulta li giet accettata "akkont". Hi x'inhi pero' l-posizzjoni fir-rigward dan il-hlas l-attur certament ma ppruvax li l-ammont bilancjali mhux dovut minnu.

Ghaldaqstant u in vista li l-attur ma ppruvax it-talbiet tieghu kif mitluba fl-avviz il-Qorti qeghdha konsegwentement tichad it-talbiet tieghu bl-ispejjes kollha kontra tieghu."

Minn din is-sentenza appella l-attur b'zewg aggravji principali,u cjoe:-

(a) li hu ma ghamelx it-telefonati ghall-esteru li l-hlas dwarhom qed jigi addebitat lilu mis-socjeta' konvenuta;
(b) il-prospett jew rezakont tat-telefonati kien manifestament zbaljat minhabba li certi kontijiet jinsabu duplikati.

Kwantu ghall-ewwel aggravju, l-posizzjoni assunta mill-attur appellanti fix-xhieda tieghu (fol 11) hi dik li hu ma jidhirlux li ghandu jhallas ghax it-telephone kellu xi hsara u li ghalkemm irraporta din il-hsara, da parte tas-socjeta' konvenuta baqa' ma sar xejn. Minn naha tas-socjeta' appellata x-xhud ewlieni taghha Joseph Debrincat (fol 16) jistqarr li t-telefonati saru permezz ta' telephone numru 559661 registrat f'isem l-attur lill-agenziji li jirreklamaw is-sess.

Din l-istqarrija ma gietx ribattuta mill-appellant waqt it-trattazzjoni tal-kawza. B'danakollu fil-korp ta' l-appell tieghu huwa jsostni li ma ghamel l-ebda telefonati ghac-Cili. B'argument isostni li hu ma kellux ghad-disposizzjoni tieghu, il-mezz biex jipproduci l-prova in sostenn tal-assunt tieghu li hu ma ghamelx it-telefonati illi qed jigi rinfaccjat bihom.

L-indagini li trid issir f'materja ta' din ix-xorta hi dik tendenti biex jigi stabbilit jekk l-attur qieghedx quddiem l-ewwel Qorti prova konvincenti bizzejjed jew kumpless ta' cirkostanzi li setghu jinducu lil dik il-Qorti temmen u taccetta l-verzjoni tieghu. Jekk hu naqas li jaghmel dan allura l-assunt tieghu ma jistax, la logikament u lanqas guridikament, jigi sostenut.

Hu donnu jaghti ad intendere li ma kienx in grad li jgib l-ahjar prova possibbli u allura l-Qorti kellha taccetta l-izmentita tieghu li hu dawk it-telefonati ma ghamilhomx. Donnu jaghti x'jifhem ukoll illi s-socjeta' konvenuta ma

ghamletx il-prova pozittiva illi t-telefonati ghamilhom verament hu.

Il-Qorti ma ssibx plawsibbli din it-tezi zvolta mill-appellant fis-sens suggerit minnu. Fl-ewwel lok gjaladarba kien hu li ghamel l-affermazzjoni kien jinkombi fuqu li pozittivament isostniha. Certament ma jistax, u ma ghandux jippretendi li kien obbligu mpost fuq il-parti avversa li taghmel il-prova negattiva.

Huwa indiskuss in materja ta’ provi illi r-regola generali tibqa’ dik li l-‘onus probandi’ hu mixhut fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah. Certament imbaghad ma kienx mistennni li l-Qorti tikkonduci hi l-provi ta’ xi hadd mill-partijiet. F’dan il-kuntest ghalhekk ma jistax ragjonevolment jitqies li l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti kien zbaljat.

F’kazijiet simili, imbaghad, din il-Qorti f’tradizzjoni kostanti konformi mal-posizzjoni taghha bhala Qorti ta’ revizjoni toqghod attenta li ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti hlief ghal ragunijiet tassew gravi u meta dik id-diskrezzjoni tkun manifestament giet applikata hazin (“**Joseph Farrugia –vs- Godfrey Mamo**”, Appell Civili, 19 ta’ Marzu 1986).

Huwa minnu wkoll illi, kif rifless f’bosta decizjonijiet ohra, din il-Qorti ma hijiex necessarjament vinkolata mid-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti u, anzi, tista’ tuza d-diskrezzjoni taghha stess skond kif jidhrilha sewwa ghal konvinciment morali taghha. Dan pero’ ma tistax taghmlu fil-kaz de quo ghaliex l-attur innifsu naqas li jgib xhieda u provi inkonfutabbli biex isahhah il-versjoni tieghu. Mhux mistenni li din il-Qorti taccetta bhala valevoli jew attendibbli r-ragjonament format fuq mera kongetturi. Il-principju kien u jibqa’, dak li l-Qorti jkollha tiddeciedi “iuxta allegata et probata”.

Dak li jghodd fil-kaz tal-attur japplika wkoll b’egwal mizura fir-rigward tas-socjeta` konvenuta. Din kellha b’obbligu tiddisimpenja ruhha wkoll u tipprova li l-ammont kif reklamat u minnha pretiz kien tabilhaqq dovut.

Effettivament fir-Risposta ta’ l-appell taghha s-socjeta’ appellata taccetta u tirrikonoxxi li whud mill-kontijiet esebiti minnha jirrizultaw duplikati. Dan tkompli tikkonfermah fin-Nota konguntiva prezentata quddiem dina l-Qorti fl-20 ta’ Awissu 2002.

Il-Qorti hadet il-briga li taghmel l-aritmetika tal-kontijiet esebiti u sabet li ghall-perijodu li jvarja mis-6 ta’ Otubru 1995 (fol 30) sas-27 ta’ Gunju 1998 (fol 17) l-ammont komplessiv ta’ sejhiet kien jittotalizza mitejn erba u erbghin lira Maltin u sitt centezmi (Lm244.06,0). Il-kontijiet l-ohra rikapitulati minn fol 31 sa fol 35 huma tabilhaqq duplikar tal-kontijiet minn fol 23 sa fol 27, kif hekk sostnut mill-appellanti.

Jirrizulta li fil-mori tal-kawza quddiem l-ewwel istanza l-attur hallas is-somma ta’ mija u tnejn u sebghin lira u sitt centezmu (Lm172.06). Ara dokument/ricevuta a fol 42 tal-process. Meta dan l-ammont jitnaqqas minn dak ta’ qabel jigi li l-attur ghad baqalu jhallas is-somma ta’ tnejn u sebghin lira Maltija (Lm72).

Jekk is-socjeta` konvenuta rnexxielha, bid-dokumenti esebiti minnha, tipprova biss ammont korrispondenti skond dawn l-istess dokumenti ma tistax tippretendi, imbaghad, illi ghandha tkompli ferma fuq il-posizzjoni taghha illi hu dovut mill-attur ammont akbar meta dan ma jinsabx hekk sorrett.

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, it-tieni aggravju tal-appellant jimmerita li jigi akkolt fis-sens fuq espost.

Ghal dawn il-motivi filwaqt li l-Qorti tichad l-ewwel aggravju tal-appellant illi hu ma ghamilx uzu mis-servizz tat-telefon skond kif dedott mis-socjeta appellata, takkolji t-tieni aggravju fis-sens biss illi tirreduci l-ammont li ghadu hekk dovut mill-attur ghas-somma ta’ tnejn u sebghin lira Maltija (Lm72).

Konsiderati c-cirkostanzi kollha tal-kaz l-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

---------------------------------TMIEM---------------------------------